- Audi alveram partem testendi għall-atti amministrattivi kollha

**FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 29 ta’ Settembru 2022**

**Rikors Nru. 428/2017 GM**

**Charmaine Muscat (KI 371073M)**

**vs**

**1 Mario Cutajar bħala Segretarju Permanenti Ewlieni**

**2. Joyce Dimech bħala Segretarju Permanenti**

**(Strateġija u Implimentazzjoni)**

**3. Review Board fi ħdan il-Grievance Unit mwaqqaf biex jistħarreġ talbiet mressqa fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru**

**4. Awtorita' tal-lppjanar, għal kull interess li jista' għandha**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta’ Charmaine Muscat wara li ppremettiet illi :

1. B' ċirkolari maħruġa mill-intimat Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru (Nru 4/2014) datata 5 ta' Frar 2014 (DOK A), twaqqaf "Grievance Unit" sabiex jilqa' u jistħarreġ talbiet li jiġu mressqa quddiemu minn uffiċjal jew impjegat

pubbliku li jħossu aggravat b'xi inġustizzja li tkun saret miegħu, u sabiex f'każ illi tali Unit isib illi l-ilment mressaq ikun ġustifikat, allura jagħmel rakkomandazzjonijiet intiżi biex jissewwew dawk l-inġustizzji.

*2.* Fost it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fl-imsemmija ċirkolari, kien hemm illi tali applikazzjonijiet/talbiet kellhom isiru sa mhux aktar tard mill-10 ta' Marzu 2014, u l-iskop tal-eżerċizzju kien espress bħala *"..f'każ ta' talbiet ġustifikati, jagħmlu rokkomondozzjonijiet intiżi biex jissewwew dawk l-inġustizzji."*

3. Ir-rikorrenti ressqet l-ilment tagħha skont iċ-ċirkolari msemmija b'ittra tagħha datata 27 ta' Frar 2014 (DOK B), u l-Grievance Unit stħarreġ l-ilment hekk mressaq li ngħata n-numru (GRIEV/MECW/79/2014) u ttieħdet deċiżjoni datata 8 ta' Jannar 2016 (DOK C) fis-sens illi :

*"saret inġustizzja mal-applikanta meta kienet l-unika kandidata għall-post u xorta ma ngħatatx il-post. Il-Unit jikkonkludi illi l-applikanta ma tistax tingħata l-post ta' HR Manager billi sussegwentament ingħata lil persuna oħra u dan huwa post uniku. Għalhekk jirrokkomanda li hija għandha tingħata l-grad ekwivalwenti b'effett minn 2007 meta ħareġ ir-riżultat".*

4. In segwitu għal din id-deċiżjoni, ir-rikorrenti, li fil-frattemp kienet ngħatat il-grad ekwivalenti kif rakkommandat mill-Grievance Unit peress illi kienet b'suċċess ikkonkorriet għal post ieħor fl-istess grad, tpoġġiet fl-ogħla skala tal-grad tagħha iżda meta rċeviet l-arrettrati tal-paga, suppost, lura għas-sena 2007, hija skopriet illi kienet tħallset ferm anqas minn dak li kienet qed tistenna, u meta indagat dwar dan mal-HR/Accounts Department tal-Awtorita' intimata, hija ġiet mitluba tikkomunika mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

5. Wara illi għamlet dan, kien biss f'Jannar 2017 illi hija rċeviet ittra tal-intimat Segretarju Permanenti (Strategija u Implimentazzjoni), li kienet datata 30 ta' Novembru 2016, u li ma kienet rċeviet qatt qabel anke jekk hija indirizzata lilha (DOK D). B'din l-ittra, hija ġiet mgħarrfa illi r-rakkomandazzjoni ġiet "riveduta" minn Review Board :

*"lr-Review Board għaldaqstant jasserixxi li l-MEPA għandha tesegwixxi r-rakkomandazzjoni mogħtija mill-Grievance Unit iżda d-dota tal-ħatra għandha tkun l-istess bħal tal-persuna li kienet inħatret u mhux mid-data ta' meta ħareġ ir-riżultat. Dan sabiex ikun hemm konsistenza mad-data ta' meta effettivament saret 'ħatra' fil-kariga ta' HR."*

6. Ir-rikorrenti mill-ewwel ilmentat dwar dan, mhux biss fil-mertu għad-deċiżjoni meħuda bl-ittra msemmija DOK D, izda ukoll u primarjament, għaliex "dan kollu sar meta hija ma kienet mgħarrfa b'xejn, minn wara darha u kwindi mingħajr id-dritt illi tressaq rapprezentazzjonijiet tagħha" (DOK E), u talbet il-kanċellament tad-deċizjoni tat-30 ta' Novembru 2016 u tingħata effett sħiħ lid-deċiżjoni tat-8 ta' Jannar 2016, b'dan illi r-rikorrenti titħallas id-differenza fl-arrettrati kif lilha spettanti u dovut.

7. Ir-rikorrenti kellha ċertament tkun mgħarrfa illi r-rakkomandazzjoni tal-Grievance Unit kienet qed tiġi kkontestata mill-Awtorita' intimata u riveduta, wisq aktar meta għall-ilmenti mressqa mill-Awtorita' intimata hija kellha diversi sottomissjonijiet x'tagħmel li ċertament kienu jwasslu sabiex ir-Review Board ma jiddeċidix dak li ddeċieda.

8. L-intimati baqgħu inadempjenti u r-rikkorrenti ma kelliex alternattiva illi tippreżenta ittra uffiċjali fl-10 ta' April 2017, li ġiet debitament notifikata (DOK F), u għal darb'oħra l-intimati baqgħu ma rrimedjawx u kwindi kellha ssir din il-kawża.

9. Kellha ssir din il-kawża peress illi d-deċiżjoni meħuda bl-ittra tat-30 ta' Novembru 2016 hawn fuq imsemmija DOK D hija deċiżjoni meħuda b'leżjoni ċara tad-drittijiet tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan in kwantu illi din id-deċiżjoni riveduta ttieħdet meta l-intimati jew minn minnhom naqsu milli josservaw il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tar-reviżjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Grievance Unit u/jew fid-deliberazzjonijiet magħmula mir-Review Board biex wasal għad-deċiżjoni meħuda DOK D.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi d-deċiżjoni meħuda mir-Review Board kif komunikata lir-rikorrenti permezz tal-ittra tat-30 ta’ Novembru 2016, kif hawn fuq premess, hija ultra vires u b’hekk nulla u invalida u mingħajr effett, u dan ai termini tal-Artikolu 469A (l)(b)(ii) tal-Kapitolu 12 tal-Grievance Unit tat-8 ta’ Jannar 2016.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta’ Mario Cutajar bħala Segretarju Permanenti Ewlieni et li permezz tagħha eċċepew illi :

**A. Eccezzjonijiet**

1. It-transazzjoni tal-azzjoni billi l-attriċi rċeviet u aċċettat pagament sostanzjali magħmul lilha in segwitu għar-rakkomandazzjoni tar-Review Board u abbażi ta' dik ir-rakkomandazzjoni.

2. In kwantu diretta kontra r-Review Board l-azzjoni hija infondata billi l-imsemmi Bord jagħmel biss rakkomandazzjonijiet u huwa struttura interna u "ad hoc" fi ħdan il-Gvern li ma għandhiex personalita' ġuridika separata mid-Dipartiment tal-Gvern li appuntaha. Illi għalhekk ir-Review Board ghandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju u mit-talbiet.

3. In kwantu qiegħda timpunja d-deċiżjoni li l-arretrati jingħataw minn data sussegwenti għad-data rakkomandata mill-Grievance Unit iżda modifikata mir-Review Board l-azzjoni tirrigwarda l-mertu tad-deċiżjoni dwar ir-rimedju u għalhekk ma taqax fil-parametri tal-artikolu 469A (1) (b) (ii) li huwa biss dwar proċedura.

4. Ir-Review Board ma aġixxiex ultra vires meta ddeċieda li jimmodifika rrakkomandazzjont tal-Grievances Unit rigward id-data minn meta l-attriċi kellha tingħata awment (del resto "ex gratia') fis-salarju u għalhekk la r-rakkomandazzjoni tar-Review Board u lanqas l-akkoljiment ta' dik ir-rakkomandazzjoni da parti tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru ma kienu ultra vires;

5. La r-rakkomandazzjoni fuq imsemmija u lanqas l-akkoljiment tagħha ma jivvjolaw l-artikolu 469A (1)(b)(ii) tal-Kap 12 u dan kemm għax l-attriċi fil-fatt instemgħet, kif ukoll għax il-Grievance Units u r-Review Board ma jeżerċitawx funzjoni ta' determinazzjoni ta' drittijiet iżda jeżerċitaw biss funzjoni ta' stħarriġ fuq livell amministrattiv u ta' rakkomandazzjoni ta' kumpens 'ex gratia'. Dawk il-funzjonijiet ma jattirawx il-ħtieġa tas-smigħ ta' kull min hu involut f'kull stadju tal-proċedura. Id-dritt għas-smigħ fi proċeduri ta' stħarriġ ta' din in-natura ġie sodisfatt meta l-attriċi ressqet l-ilment tagħha bil-miktub, spjegatu u kellha l-fakolta' li tippreżenta kull dokument li dehrilha li hu rilevanti.

6. In kwantu diretta biex din il-Qorti tordna li 'tingħata effett sħiħ id-deċiżjoni tal-Grievance Unit tat-8 ta' Jannar 2016 din l-azzjoni hija karenti minn fondament ġuridiku peress illi ma jaqax fil-mansjoni tal-Qorti li tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha dwar ir-rimedju għal dik tar-Review Board iżda deċiżjoni favorevoli għall-attriċi tista' twassal biss għat-tħassir u t-teħid mill-ġdid tad-deċiżjoni tar-Review Board fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Qorti.

**<u>B. Dikjarazzjoni tal-fatti:</u>**

1. L-esponenti huma informati illi l-attriċi aċċettat pagament ta' ammont sostanzjali mħallas lilha skont ir-rakkomandazzjoni tar-Review Board li minnha hija qiegħda tilmenta f'din il-kawża (DOK A u DOK B). Illi l-aġir tal-attriċi jġib it-transazzjoni tal-litiġju odjern liema transazzjoni għalhekk timpedixxi l-proponiment ta' din il-kawża.

2. Iċ-ċirkolari maħruġa mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fil-5 ta' Frar 2014 li biha twaqqaf il-'Grievances Units" u li biha ngħatat l-opportunita' lil kull min kien jallega li sofra xi inġustizzja kif imfisser fl-istess ċirkolari biex jissottometti l-każ tiegħu quddiem il-"Grievances Units", tagħmilha ċara illi l-funzjoni tal- "Grievances Units" hija biss dik ta' stħarriġ ta' allegazzjonijiet ta' inġustizzji u l-għemil ta' "rakkomandazzjonijiet intiżi biex jissewwew dawk l-nġustuzzji". Illi għalhekk filwaqt li dak li ġie dikjarat fil-paragrafi l, 2 u 3 tad-dikjarazzjoni ġuramentata tal-atti ma huwiex kontestat, l-esponenti jixtiequ jiċċaraw illi l-proċedura li kienet tirregola l-aġir tal-"Grievances Units" kienet waħda ta' twaqqif ta' struffura interna li teżamina allegazzjonijiet ta' inġustizzji li jwassal għal rakkomandazzjonijiet. Dawk il-Units ma

kellhomx għalhekk il-mansjoni li jeżerċitaw funzjonijiet ta' natura ġudizzjarja jew kważi ġudizzjarja. Di piu` huma ma jiddeterminaw ebda dritt iżda jagħmlu biss rakkomandazzjonijiet.

3. Dwar dak li huwa dikjarat fil-paragrafi 4, 5 u 6 et seq tad-dikjarazzjoni ġuramentata tal-attiċi l-esponenti jirrilevaw illi r-Review Board jifforma parti integrali mill-imsemmija struttura interna għall-istħarriġ ta' inġustizji implimentata permezz tal-"Grievances Units" u li dan il-Bord huwa wkoll wieħed ta' stħarriġ li għandu l-funzjoni li jerġa' jifli l-operat u rrakkomandazzjonjiet tal-Grievances Units. Dan il-Bord ukoll ma jwettaqx funzjoni ġudizzjarja jew kważi - ġudizzjarja li tista' tattna l-obbligu ta' smigħ orali jew ta' smigħ ulterjuri bil-miktub tal-persuna li tkun ressqet il-każ tagħha. Illi b'mod partikolari kemm tal-Grievances Unit kif ukoll ir-Review Board għandhom ukoll l-obbligu insitu fil-funzjonijiet tagħhom illi jikkalibraw ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom b'mod li ma jġibux sitwazzjonijiet fejn biex tissewwa inġustizzja tinħoloq inġustizzja oħra jew jinħoloq diżgwid mhux ġustifikat fit-tmexxija tal-istituzzjoni konċernata. Dan huwa wkoll rifless mill-fatt illi ma hemm ebda obbligu fuq l-Grievance Unit jew fuq ir-Review Board li jirrakkomanda xi rimedju partikolari u li kull rimedju rakkomandat jew mogħti huwa 'ex gratia'.

4. L-ilment tal-attriċi, li fuqu hija bażata din il-kawża, fis-sens illi r-Review Bord kellu xi obbligu li jerġa' jismagħha qabel ma jagħti r-rakkommandazzjoni tiegħu huwa nfondat peress illi r-Review Board bħala parti mill-istruttura tal-Grievance Unit, għandu biss funzjoni ta' stħarriġ u ta' rakkomandazzjoni bbażata fuq is-sottomissjonijiet magħmula mill-persuna li għamlet l-ilment fl-istadju inizjali. Ma hemm ebda obbligu li r-Review Board jerġa' jisma' lil min ikun għamel l-ilment dwar ir-rimedju li jkun ġie rakkomandat. Il-Grievances Unit u r-Review Board huma essenzjalment konċernati fuq il-mertu dwar jekk tkunx ġiet konstatata inġustizzja jew le. Ir-rimedju huwa diskrezzjonali da parti tagħhom. Huwa ċar illi dwar il-mertu l-attriċi għamlet dawk is-sottomissjonijiet kollha li deherilha li kellha tagħmel meta ppreżentat l-ilment. Hija ma kinitx fil-fatt talbet xi rimedju speċifiku.

5. Id-deċiżjoni kommunikata lill-attriċi bl-ittra tat-30 ta' Novembru 2016 bl-ebda mod ma kienet il-frott ta' xi ksur tal-Artikolu 469A (1) (b) (ii) tal-Kap 12 kif allegat mill-attriċi u dan stante illi dik id-deċiżjoni ma ddeterminat ebda dritt iżda kienet biss dwar kumpens ex gratia, kienet ir-riżultat tal-eżerċizzju ta' funzjoni ta' stħarriġ u mhux ta' waħda ġudizzjarja jew kważi - ġudizzjarja u fi kwalunkwe każ ir-rekwiżiti tal-Art 469A (1) (b) (ii) ġew sodisfatti billi l-attriċi kellha l-opportunita' li tispjega l-ilment tagħha bis-sħiħ u li tiddokumentah (kif fil-fatt għamlet) meta għamlet l-ilment. Id-dritt għas-smigħ xieraq, anke meta japplika, (u li hawnhekk m'huwiex il-każ) ma jfissirx dritt ta' smigħ f'kull stadju ta' proċedura speċjalment meta dik il-proċedura ma tkunx ta' natura ġudizzjarja.

Rat li b'sentenza tagħha in parte tas-17 ta' Ottubru 2019 il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti dwar it-transazzjoni.

Rat l-atti tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tas-26 ta' Lulju 2022.

Rat li l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Il-fatti ewlenin li taw lok għal din il-kawża, u li mhumiex ikkontestati, żvolġew kif ġej:

B'ċirkolari tal-5 ta' Frar 2014 is-Segretarju Permanenti Ewlieni waqqaf *Grievance Unit* biex jistħarreg allegazzjonijiet minn uffiċjali pubbliċi li sofrew inġustizzja, u f'każ li jkunu validi, jagħmel rakkomandazzjonijiet tissewwa l-inġustizzja.

Fit-8 ta' Jannar 2016, fuq ilment tar-rikorrenti, l-imsemmi *Unit* sab li saret inġustizzja meta nħatret persuna oħra bħala HR Manager fil-MEPA minflok ir-rikorrenti li kienet l-unika applikant u rrakkomanda li tingħata l-grad ekwivalenti b'effett mis-sena 2007 meta ħareġ ir-riżultat.

Kull min ma jaqbilx mal-konklużjonijiet tal-*Unit* seta' jitlob reviżjoni minn *Review Board.* Is-CEO tal-MEPA talab tali reviżjoni u l-*Board* ikkonferma l-konklużjoni tal-*Unit* li kienet saret inġustizzja b'dan illi l-perjodu tal-arretrati

kellu jibda’ mid-data tal-ħatra tal-HR Manager u mhux mid-data meta ħareġ ir-riżultat.

Biex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, il-*Board* talab xi tagħrif mingħand is-CEO tal-MEPA. L-ebda kuntatt ma sar mar-rikorrenti, li baqgħet fil-għama dwar il-fatt li kien ġie adit il-*Board.*

Il-konvenuti kollha eskluża l-Awtorita` tal-Ippjanar, permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħhom, jissottomettu li l-*Board* mhux leġittimu kontradittur għaliex huwa biss struttura nterna li tagħmel biss rakkomandazzjonijiet u li m’għandhiex personalita` ġuridika separata mid-Dipartiment tal-Gvern li appuntaha. Il-Qorti ma taqbilx ma’ dan ir-raġunament. Lanqas Dipartiment tal-Gvern m’għandu personalita` ġuridika distinta; kull Dipartiment huwa biss fergħa tal-istess Gvern. L-eċċezzjoni iżda jista’ jkollha ċerta validita` in kwantu għar-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern. Skont l-Art. 181B tal-Kap 12, bħala regola l-Gvern għandu jiġi rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment inkarigat fil-materja in kwistjoni. L-istess Artiklu jkompli billi jagħmel ċerti eċċezzjonijiet. Fosthom li kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta’ servizz mal-Gvern jistgħu f’kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni, iżda mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-istess Artiklu. Dan l-artiklu jqajjem għadd ta’ mistoqsijiet. L-eċċezzjoni tirrigwarda kawżi li jsiru **mis**-Segretarju Permanenti Ewlieni, u mhux ukoll **lill**-istess Segretarju Permanenti Ewlieni. F’din il-kawża, ġie mħarrek is-Segretarju Permanenti Ewlieni wkoll, u ma saret l-ebda eċċezzjoni li m’għandux ir-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern. Għalhekk din il-Qorti ma tistax u fil-fatt mhix sejra tqajjem eċċezzjoni hi *ex officio* f’dan ir-rigward. Barra minn hekk, iċ-ċirkolari li permezz tagħha twaqqfu l-*Unit* u l-*Board* inħarġet mill-istess Segretarju Permanenti Ewlieni. Il-kwistjoni iżda hi jekk kellux jitħarrek ukoll il-

*Board.* It-talba tal-attriċi hija indirizzata lill-istess *Board;* bix-xilja abbażi tal-Art. 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12. Tabilħaqq, materjalment, huwa l-*Board* li wettaq id-deliberazzjonijiet li qegħdin jiġu attakkati. B'danakollu, il-*Board* ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' "awtorita` pubblika" kif definita fl-istess Art. 469A bħala li "tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u d-dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi". Il-*Board* ma ġiex kostitwit permezz ta' liġi. Għall-*Board,* għalhekk, iwieġeb is-Segretarju Permanenti Ewlieni li appuntah.

Ir-raba' eċċezzjoni tal-istess konvenuti hi fis-sens li l-*Bord* ma jeżerċitax funzjoni ta' determinazzjoni ta' drittijiet iżda jeżerċita biss funzjoni ta' stħarriġ fuq livell amministrattiv u ta' rakkomandazzjoni ta' kumpens *ex gratia.* Funzjoni li ma tattirax il-ħtieġa tas-smigħ f'kull stadju tal-proċedura. Ħtieġa li ġiet sodisfatta meta l-attriċi ressqet l-ilment tagħha quddiem il-*Unit.*

Għalkemm il-Qorti tifhem li teknikament il-*Unit* u l-*Board* kienu ffakoltizzati jagħtu biss rakkomodazzjoni, u mhux ordni, huwa ċar li r-rakkomandazzjoni tagħhom kellha piż kbir fl-istruttura governattiva u kien wisq improbabbli li r-rakkomandazzjoni ma tiġix segwita. Iktar u iktar għaliex il-*Unit* u l-*Board* kienu ġew imwaqqfa biex iwettqu policy ddikjarata tal-Gvern li jindirizza l-inġustizzji. Tant li rappreżentant tal-Awtorita` tal-Ippjanar xehdet li r-rakkomandazzjonijiet kienu jittieħdu *for granted.* Tant ukoll li s-CEO tal-istess Awtorita` ma qabadx u injora r-rakkomandazzjoni tal-*Unit*, imma bħal speċi appella quddiem il-*Board.*

Huwa minnu li l-*Board* mhuwiex qorti, u lanqas tribunal ġudizzjarji, u għalhekk m'għandux jitgħabba bil-proċedura bħall-Qorti. B'danakollu, ir-regola tal-*audi alteram partem* skont l-Art. 469A preċitat jestendi għall-atti amministrattivi

kollha mingħajr distinzjoni ta' xejn. Forsi din hija regola wiesgħa żżejjed imma hekk hi. Fid-dritt Ingliż, jikkumenta l-**Garner**[1]:

*"The rule against bias has an ambit restricted to judicial and disciplinary proceedings.[2] In contrast, however, there is now no question that the other rule of natural justice, the audi alteram partem principle, extends beyond the judicial sphere to many purely administrative decisions… the content of the obligation may vary much with context, and it may be spoken of in terms of 'a duty to act fairly' rather than a duty to comply with natural justice; nevertheless in some such modified shape and form the rule operates. As such it has proved a valuable aid to the courts in seeking to secure standards of administrative justice… What is due notice, or adequate information, or fair opportunity to state one's case, will depend on context. As* ***Megaw LJ*** *stressed in* ***R v Board of Visitors of Hull Prison, ex p St Germain****, it is 'fallacious to assume, as appears frequently to be assumed, that the requirements of natural justice in one sphere are necessarily identical in a different sphere'.*

"*… At one end of the spectrum they may approximate to the judicial procedures associated with courts of law….*

*"In other contexts, at or towards the other end of the spectrum, the audi alteram partem obligations may be satisfied by much less elaborate or sophisticated procedural safeguards. So, for example, it may only be necessary to give the citizen a 'general idea' of the matter to be taken into account or the 'case' against him and it may not be necessary to offer any oral hearing at all – an opportunity to make written representations sufficing".*

L-istess konvenuti jisħqu li l-attriċi nstemgħet meta ppreżentat l-ilment u li ma kienx hemm għalfejn terġa' tingħata l-opportunita` li tagħti l-veduti tagħha quddiem il-*Board.* Issa li kieku d-deliberazzjonijiet tal-*Board* f'dan il-każ

[1] Brian Jones u Katharine Thompson, *Garner's Administrative Law* – 8th edition. (2005), paġna 251
[2] Din mhix bilfors hija l-pożizzjoni fid-dritt Malti.

partikolari kienu parti minn eżerċizzju ġenerali, fuq inizjattiva tal-istess *Board* jew tas-Segretarju Permanenti Ewlieni, li d-deċiżjonijiet tal-*Unit* jiġu riveduti biex, per eżempju, ikunu konsistenti ma' xulxin jew ma' xi policy governattiva ġenerali, allura ma kien ikun hemm l-ebda ħtieġa li l-attriċi tingħata l-opportunita` li tressaq il-veduti tagħha quddiem il-*Board*. F'dan il-każ, imma, ir-reviżjoni saret fuq talba tal-employer tal-attriċi, wara li ta r-raġunijiet tiegħu. Il-*Board* ikkomunika miegħu u talbu iktar informazzjoni. Għalhekk hawn għandna sitwazzjoni fejn il-*Board* sema' qanpiena waħda. La sema' din il-qanpiena, il-ġustizzja naturali titlob li tinstema' l-qanpiena l-oħra. Huwa rrelevanti li l-*Board* dehrlu li kellu esperjenza u informazzjoni biżżejjed biex jiddeċiedi. Jingħad fil-Bibbja li Alla nnifsu, omnisapjenti, xorta bagħat għal Adam u Eva biex jistaqsihom x'għamlu, qabel keċċihom mill-Ġenna tal-Art. Ma kienx hemm għalfejn li ssir xi seduta jew seduti, li l-attriċi ġġib xi xhieda, u li jsiru l-kontroeżamijiet. Iżda tal-inqas l-attriċi kellha tkun taf li l-employer tagħha appella mid-deċiżjoni tal-*Unit*, u x'kien l-aggravju tiegħu, u tingħata l-opportunita` twieġeb għalih imqar bil-miktub; anke b'sempliċi email. Hekk titlob il-*fairness* l-iktar bażika u elementari.

Ebda prova ma nġiebet dwar l-involviment fil-fatti li taw lok ghal din il-kawża tas-Segretarju Permanenti (Strateġija u Implimentazzjoni).

***<u>Decide</u>***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

(1) tillibera lir-Review Board, lis-Segretarju Permanenti (Strateġija u Implimentazzjoni) u lill-Awtorita` tal-Ippjanar mill-osservanza tal-ġudizzju.

(2) tilqa' t-talba in parte billi tiddikjara li d-deċiżjoni tal-Review Board kif komunikata lir-rikorrenti permezz tal-ittra tat-30 ta' Novembru 2016, kif hawn fuq premess, hija ultra vires u b'hekk nulla u invalida u mingħajr effett, u dan ai termini tal-Artikolu 469A (l)(b)(ii) tal-Kapitolu 12 tal-Grievance Unit tat-8 ta' Jannar 2016.

Spejjeż tar-Review Board, tas-Segretarju Permanenti (Strateġija u Implimentazzjoni) u tal-Awtorita` tal-Ippjanar a karigu tal-attriċi. Spejjeż l-oħra a karigu tal-konvenut Segretarju Permanenti Ewlieni.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA